MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2009

Numru 113/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur David Saliba)**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**AMADEO GRIMA**
**ALAN GRIMA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Amadeo Grima ta’ 18 il-sena bin Anthony u Anna nee’ Borg imwieled Pieta’ d.t.t. 8.4.80 u joqghod Blk 8 Unit 1, Qasam tal-Bini Rinela, Kalkara. Nru tal-ID card 259780 M

Allan Grima ta' 16 il-sena bin Anthony u Anna nee' Borg imwieled Pieta' d.t.t. 26.12.82 u li joqghod Blk 8, Unit 1, Qasam tal-Bini Rinella, Kalkara. Nru tal-ID card 115783 M

1. U gie akkuzat Amadeo Grima wahdu, talli nhar il 9ta' Frar, 1999 gewwa l-Marsa, ghal habta ta' 4.00 p.m. ikkometta serq ta'somma ta' flus kontanti u zewg chueqe books mill-istabiliment A.J.C. Co Ltd li huwa sitwat gewwa Triq Bernard, il-Marsa ghad-dannu ta' Saviour DeManuele minn Sta. Venera liema serq huwa ta' aktar minn Lm50 izda anqas minn LM100 liema serq huwa aggravat bil-mezz.

2. Akkuzat ukoll wahdu talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe hsarat fl-aperturi jew bibien tal-imsemmi fond liema hsara ma tiskorriex is-somma ta'Lm50 u dan ghad dannu tal-istess kumpanija u direttur.

3. Akkuzat ukoll talli f'Malta fl-istess zminijiet u cirkostanzi, xjentament laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew brra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom.

4. Akkuzat ukoll talli f'dawn l-ahhar granet, u qabel il-15ta' Frar, 1999 ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarzzjonijiet jew f'atti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhomfihom jew jippruvaw.

5. Akkuzati t-tnejn flimkien talli f'Bormla jew fi bnadi ohra, fi Frar, 1999 xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

6. Akkuzati ukoll talli f'Bormla il-Birgu u bnadi ohra fi Frar 1999 b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghelu li titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarju, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' madwar Lm500 bi hsara ta' Salvatore Demanuele minn Sta. Venera, u ta' terzi persuni.

7. Fl-ahhar nett gie akkuzat Amadeo Grima talli huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti liema sentenza hija definitiva u b'hekk kiser il-kundizzjoni tal-imsemmija sentenza li ma jikkometiex reat iehor fi'zmien sentejn u dan bi ksur tas-Sentenza sospiza Art. 28 inflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Awla 6.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok DS1 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok tirrileva li din il-kawza kienet precedentement qeghda tinstema' mill-Magistrat illum Magistrat Irtirat Dr. Joseph Cassar LL.D. u li din il-kawza giet assenjata quddiem din il-Qorti kif presjeduta fis-sena 2007.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Carmelo Bartolo ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li nkwantu ghas-seba' (7) akkuza migjuba kontra l-imputat Amadeo Grima biss stante li minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li ma gewx prodotti provi dokumentarji inkluza kopja tas-Sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Awla 6) riferita fl-istess akkuza rigward l-imsemmija seba' (7) akkuza, tali akkuza migjuba biss fil-konfront tal-imputat Amadeo Grima ma gietx sufficjentement ippruvata.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat Amadeo Grima iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv is-seba’ (7) akkuza u l-imputat Alan Grima iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputat Amadeo Grima wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv is-seba’ (7) akkuza u l-imputat Alan Grima wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Carmelo Bartolo ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li meta sehhew ir-reati l-imputat Alan Grima kien ghadu taht l-eta’ ta’ tmintax (18) il-sena u konsegwentement japplika fil-konfront tal-imsemmi imputat dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Amadeo Grima l-artikoli 17, 261(b), 263, 278(1), 325(1)(c), 334, 308, 310(1)(b), 183 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Amadeo Grima, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv is-seba’ (7) akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Amadeo Grima ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma’ ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Amadeo Grima jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward is-seba’ (7) akkuza migjuba biss kontra l-imputat Amadeo Grima, wara li qieset dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Carmelo Bartolo ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum dwar din l-

imsemmija akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-imputat Amadeo Grima mis-seba' (7) akkuza migjuba kontra tieghu stante li din l-akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata.

Rat fil-konfront tal-imputat Alan Grima l-artikoli 17, 31, 37, 189, 308 u 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Alan Grima, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-konfront tal-imsemmi imputat japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Alan Grima ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma' ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Alan Grima jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Amadeo Grima u Alan Grima l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------